# Niċċelebraw Dan ir-Raħal Umli



Evarist Bartolo

Wieħed mill-persuni li l-iżjed jaħdem biex jiċċelebra s-sbuħija tar-raħal tagħna huwa George Fenech. Ilu snin twal ipitter irkejjen differenti tar-raħal u madwar ir-raħal.Niftakru jgħidli darba aħna u nitkellmu barra l-każin ta' l-Imperial: "Inpenġi b'urġenza,mhux biss biex naqbad il-mument li nixtieq naqbad bil-kuluri tiegħu skond il-ħin tal-ġurnata u d-dawl tal-jum iżda għax nibża' li se mmur fl-istess post darb'oħra u nsibu li ġie xi ħadd qerdu u bnieħ."

George Fenech jagħtina qisu t-testment tar-raħal tagħna: il-ġid tas-sbuħija tiegħu matul iż-żminijiet: sbuħija li ħafna drabi jaqbadha permezz ta' ħarsa lejn xi razzett ċkejken waħdu qalb il-blat, xi blata tħares lejn il-baħar, titwila fuq il-bjut tar-raħal...poeżiji ta' kulur f'dan ir-raħal umli tagħna li għandna ħafna biex nkunu kburin bih, l-iżjed kif kien milli kif ħallejnieh jinqered b'ħafna bini bl-addoċċ u bla gost.

Ma nippretendix li matul is-snin ir-raħal tagħna u madwaru kellu jibqa' bla mittifies u kif kien 50 sena ilu meta twelidt jien u bdejt nitrabba fih. Għandi tifkiriet sbieħ ta' tifel nilgħab ma' tfal oħra fuq l-għolja ta' San Pawl, daqqa ta'cowboys u indjani, fejn konna nimitaw dak li nkunu rajna f'xi film fis-sala tas-sorijiet fejn konna nħallsu ċenteżmu u nofs biex nidħlu. Daqqa konna nilgħabu bil-bini tal-kampijiet fejn konna nirritornaw wara li nesploraw l-inħawi għaż-żrinġijiet, il-gremxul u l-friefet. Konna wkoll nieħdu gost nilgħabu l-ballun f'nofs it-triq jew fil-pjazza fejn rari kienet tgħaddi karozza.

Il-ħajja kienet tippermetti li nqattgħu ħafna ħin nilgħabu fil-beraħ bla periklu. Illum ħafna minn dawk il-postijiet huma mibnijin. It-toroq u l-pjazez huma mimlijin karozzi perikolużi. Ħafna mill-kwadri ta' George Fenech iqabbduk sogħba li ħallejna tant sbuħija madwarna tinqered. Nerġa'ngħid: ma nippretendix li kollox kellu jibqa' kif kien iżda l-hekk imsejjaħ żvillupp seta'; sar u għadu jista jsir b'aktar sens, b'aktar għaqal u billi naraw iżjed fit-tul billi nieħdu ħsieb l-effett li ħafna bini ikreh iħalli fuq is-saħħa mentali u fiżika tagħna li għandna bżonn il-kampanja, il-ftuħ, arja u baħar bla tniġġiż u bini sabiħ li jferraħna minflok idejjaqna għax huwa qabda kaxxi bla gost fuq xulxin u bla ebda sensittività lejn l-ambjent naturali tagħna.



Niftakar nirrabja f'qalbi ma' persuna li belgħet ħafna minn Malta bi żvillup ta'bini bl-addoċċ u qerdet anki inħawi sħaħ fil-Mellieħa tgħidli: "M'għandkom xejn il-Mellieħa!"

Il-Mellieħa għandna

ħafna u ħafna. Biżżejjed tara l-kwadri ta' George Fenech li jiċċelebra tant postijiet sbieħ fil-Mellieħa u madwarha. Biżżejjed tmur għall-mixjiet madwarna u tara x'fadal minkejja li ħafna nqered.

"M'għandkom xejn il-Mellieħa!" qalli min għamel minn kollox biex qered u jkompli jeqred partijiet sbieħ mill-Mellieħa. Il-Mellieħa għandna ħafna u ħafna: mhux biss sbuħija naturali fl-art u fil-baħar minkejja li tħassru ħafna minnhom u rridu ħafna biex infejqu fejn marradna, iżda għandna wkoll ħafna wirt storiku li jibda minn eluf ta' snin ilu u jinfexx matul is-sekli kollha li għaddew.

Irrid ngħid grazzi lil dawk il-persuni u għaqdiet li matul is-snin taw sehemhom bħal George Fenech b'mod differenti biex jiċċelebraw is-sbuħija tar-raħal umli tagħna.

Ilkoll kemm aħna, huma x'inhuma l-fehmiet politiċi tagħna, għandna nahdmu id f'id għall-ġid tar-raħal tagħna. Hemm ħafna x'nagħmlu biex inxerrdu t-tagħrif ta' kemm għandna wirt storiku kbir f'dan ir-raħal, li spiss lanqas aħna stess ma nafu bih, aħseb u ara min hu ġej min post ieħor. Hemm ħafna x'nagħmlu biex nieħdu ħsieb aħjar ir-raħal u l-inħawi ta'madwarna. Il-Kunsill Lokali qed jagħmel ħafna u għandna nkomplu ngħinuh biex ikun jista' jagħmel iżjed. Hemm bżonn l-għajnuna tal-gvern nazzjonali li jagħti l-appoġġ finanzjarju tiegħu biex il-Mellieħa u madwarha jissebbħu u jinżammu aħjar milli qed jinżammu.

Dan ikun għall-ġid mhux biss ta' l-eluf li jgħixu hawn iżda wkoll għall-mijiet ta' eluf li jżurna mill-bqija tal-pajjiż u tad-dinja. Żgur li r-raħal tagħna u l-inħawi ta' madwarna jixirqilhom aħjar. Żgur li hemm bzonn nieħdu passi biex insebbħu l-ambjent, insalvaw is-sbuħija naturali li nistgħu, infejqu dak li ħassarna u niżvilluppaw faċilitajiet aħjar.

# Marċi Ġodda 2007-2008




| | |
|---|---|
| **F'Għeluq l-10 Sena** | A. Borg |
| **Annalise** | P. Schembri |
| **Susan** | J. Mamo |
| **Calypso** | J.N. Sammut |
| **Il-Ġina** | C. Muscat |
| **Faċċata Kolossali** | A. Farrugia |
| **Con Fuoco Sawasawa** | V. Vella |
| **Victory** | V. Ciappara |
| **Michael Andrew** | J. Darmanin |
| **Je Cla Nor** | A. Coleiro |
| **Ta' l-Iljun** | J. Mamo/J. Mamo |
| **Lill-Banda Imperial** | K. Scerri/ A. Sammut |